MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1029/2008

**Glory Wealth Shipping Pte Ltd., socjeta' registrata Singapore, rappresentata hawn Malta mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino.**

**-vs-**

**Peninsula Enterprise SpA, socjeta' Taljana rappresentata lokalment minn Edmond Mugliett.**

**Il- Qorti:**

**Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta' attrici presentat fl-10 ta' Ottubru 2008 li jghid hekk:-**

"1. Illi s-socjeta' konvenuta hija proprjetarja tal-vapur m.v. AMELIA CACACE registrat hawn Malta u li ghandu numru tal-IMO 9472713.

2. Illi fis-6 ta' Gunju 2008 is-socjeta' attrici dahlet *f'Sub Time Charter* mas-socjeta' konvenuta li permezz tieghu

kriet il-bastiment m.v. "Kang Yu" li huwa registrat fil-Hong Kong. Is-socjeta' attrici kienet da parti taghha dahlet f'*Sub Time Charter* minghand is-socjeta' estera Sino East Transportation Co. Ltd fit-23 ta' April 2008 filwaqt li din is-socjeta' tal-ahhar kienet innolleggjat il-bastiment direttament minghand is-sidien tal-imsemmi bastiment "Kang Yu" permezz ta' Time Charter datat 20 ta' Settembru 2007, u dan kollu kif jirrizulta mid-dokumenti relattivi li qed jigu annessi.

3. Illi in segwitu tas-Sub Charter konkluz bjen il-kontendenti fis-6 ta' Gunju 2008, is-socjeta' konvenuta naqset thallas il-*hire* dovut fis-somma ta' US$ 882,015.00. Fuq kollox is-socjeta' konvenuta trid tikkonsenja lura l-imsemmi bastiment "Kang Yu" lis-socjeta' attrici qabel iz-zmien pattwit bejn il-kontendenti b'dan ghalhekk illi s-socjeta' attrici ghandha dritt ghar-rizarciment ta' danni fis-somma ta' US$ 4,485.000.00.

4. Illi apparti l-premess is-socjeta' attrici ghandha wkoll pretensjonijiet addizzjonali fil-konfront tas-socjeta' li qed jigu likwidati ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri f'kaz illi jkollha tipprocedi bi proceduri ta' arbitragg gewwa Londra, fosthom imghax tul perjodu ta' tlett snin fis-somma ta' US$ 1,227,204.29, spejjes tal-arbitragg fis-somma ta' US$ 50,000.00 u spejjez legali fis-somma ta' US$ 100,000.00.

5. Illi b'kollox ghalhekk, is-socjeta' attrici ghandha pretensjoni fil-konfront tas-socjeta' konvenuta li sa issa giet likwidata fl-ammont totali ta' sitt miljun seba' mija u erbgha u erbghin elf, mitejn u dsatax il-dollaru amerikan u disgha u ghoxrin cent (US$ 6,744,219.29).

6. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta tirrigwarda ftehim dwar il-kiri ta' vapor permezz ta' *charter party* kif previst fl-Artikolu 742 B (i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni *in rem a tenur* tal-Artikolu 742 D tal-Kap. 12 b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif imfisser fl-Artikolu 37 (10)(a)(iv) u/jew (v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti

ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih.

7. Illi safejn taf is-socjeta' attrici, l-assi tas-socjeta' konvenuta huwa l-vapur m.v. “Amelia Cacace” registrat hawn Malta u jekk is-socjeta' konvenuta tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta' attrici jigi eluz.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. AMELIA CACACE, numru tal-IMO 9472713 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati *mortgages* fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda *deletion certificate* u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-Artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess Artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.”

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici flimkien mar-rikors mahluf kif ukoll dawk imressqa waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici fir-rikors mahluf.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta' Ottubru 2008 fejn ordnat li minnufih u qabel ma jigu notfikati l-atti tal-kawza lis-socjeta' konvenuta u *pendente lite* ma jsir ebda negozju ta' kwalsiasi natura dwar il-bastiment MV AMELIA CACACE, numru tal-IMO 9472713 u anqas jigu kostitwiti ipoteki navali fuq l-istess imsemmi

bastiment jew kull sehem fih, jew li jinhareg *deletion certificate*, u ordnat in-notifika tad-digriet lir-Registratur Generali tal-Bahrin.

Rat ir-risposta mahlufa tas-socjeta' konvenuta presentata fid-9 ta' Jannar 2009 li tghid hekk:-

"1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici fir-rikors taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u r-rikors li gie dekretat provisorjament fl-10 ta' Ottubru mill-Imhallef Joseph Azzopardi (kopja hawn annessa u mmarkata AF1) revokat *contrario imperio, in visto* tal-fatt li Artikolu 37 tal-Merchant Shipping Act ma taghti ebda dritt lis-socjeta' attrici li titlob li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati *mortgages* fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda *deletion certificate* fir-rigward tal-bastiment m.v. ***Amelia Cacace*** – bastiment registrat Malta. Dan ghaliex l-allegat nuqqas tas-socjeta' konvenuta li huwa mertu ta' Arbitragg Londra, ma jirrigwardax il-bastiment ***Amelia Cacace*** izda jirrigwarda bastiment iehor bl-isem ta' ***Kang Yu*** li lanqas biss ma huwa registrat Malta.

2. Illi s-socjeta' attrici fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jista' jkollha qatt dritt taghmel it-talbiet li ghamlet taht is-*section* 37 tal-*Merchant Shipping Act* kif tezisti sakemm ma tigix emendata l-istess ligi.

3. Illi hija l-fehma umli tal-esponenti li jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba, bl-akbar rispett u umilta' lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti, din tkun qed tmur *oltre* l-poter li ghandha l-istess Onorabbli Qorti kif moghti lilha minn Artikolu 37 tal-*Merchant Shipping Act*.

Ghelhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici fir-rikors guramentat ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u r-rikors provisorju milqugh mill-Imhallef Joseph Azzopardi fl-10 ta' Ottubru 2008 revokat *contrario imperio*."

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' konvenuta fir-risposta mahlufa.

Rat id-dokument esebit mis-socjeta’ konvenuta flimkien mar-risposta mahlufa.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u r-replika tas-socjeta’ konvenuta,

Semghet is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li saru mid-difensuri tal-partijiet, liema sottomissjonijiet kienu registrati fuq it-*tape*.

Rat il-verbal li sar mis-socjeta’ attrici fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu 2009 fejn iddikjarat quddiem din il-Qorti li hija kienet irceviet minghand is-socjeta’ konvenuta pagament ta’ $400,000 akkont tal-pretensjoni taghha rigward kera pretiza, fejn iddikjarat li fit-2 ta’ Marzu 2009 go Londra kien inghata *lodo* parzjali fejn is-socjeta’ konvenuta kienet kundannata thallas lis-socjeta’ attrici l-bilanc tal-hlas tal-kera pretiza fis-somma ta’ $482,015.24 kif ukoll fejn iddikjarat li dak li kien fadal li jigi deciz fil-proceduri tal-arbitragg kienet il-pretensjoni dwar danni. Kienu esebiti d-dokumenti in sostenn.

Ikkunsidrat:-

**Art. 37 tal-Kap. 234: In generali**

Kif inhu llum, Art. 37 kien introdott fil-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta bis-sahha tal-Art. 25 tal-Att XXII tal-2000 li hassar fl-intier taghha d-disposizzjoni li kien hemm qabel. Pero’ t-tifsira li taw il-Qrati taghna ghall-hsieb wara l-Art. 37 anke kif kien qabel, ghadu jghodd fis-sostanza anke llum.

Azzjoni skond l-Art. 37 isservi biex, bi smigh sommarju, tqieghed fiz-zgur il-qaghda ta’ kreditur dwar bastiment sakemm iressaq il-pretensjonijiet tieghu kontra d-debitur (li jista’ jkun il-bastiment innifsu jew is-sidien tieghu) fi proceduri quddiem Qorti jew Tribunal kompetenti li jwassalhom fi tmiemhom. Dak l-ordni jista’ jinghata kemm dwar il-bastiment kif ukoll dwar sehem fih inkluz trasferiment li jnehhih mir-registrazzjoni taht il-bandiera Maltija (Fenech noe vs Argotank Navigator Ltd –

Prim'Awla tal-Qorti Civili – 29 ta' April 2003). Arrest tal-bastiment ma jnehhix il-htiega tal-hrug tal-ordni skond l-Art. 37.

Ir-rimedju skond l-Art. 37 huwa specjali applikabbli fil-kamp marittimu. Ghalkemm huwa rimedju kawtelatorju, mhux inkluz mal-Atti Kawtelatorju ndikati fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dingli noe vs Fenech noe – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Marzu 1998). Ghalkemm ma jaffettwax l-operazzjonijiet kummercjali tal-bastiment peress li mhux arrest, xorta wahda ghandu effett notevoli ghaliex effettivament izomm kull negozju fir-rigward tar-registru tal-bastiment u jeffettwa hwejjeg li jigu registrati fir-registru tal-istess bastiment bhal ma huma l-bejgh jew xi *mortgage* (Gauci Maistre noe vs Dingli noe – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 7 ta' Awissu 1998).

Il-procedura skond l-Art. 37 hija ntiza biex tithaddem fuq bazi ta' prova *prima facie* li jimplika li ghandu jsir smigh u li l-Qorti tistharreg il-jedd pretiz u jekk dak il-jedd huwiex xieraq (Dingli et noe vs Barbara et noe – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Gunju 2000). L-ordni huwa mahsub sabiex jikkonserva sitwazzjoni u ghandu minn provvediment kawtelatorju ntiz li jhalli l-kors tal-gustizzja dwar kwistjoni fil-mertu jiehu z-zmien tieghu minghajr biza' li l-bastiment ighaddi f'idejn haddiehor qabel jintemmu l-proceduri fil-mertu, u dan bi hsara tal-kreditur jew ta' dik il-persuna li tkun qieghda tippretendi l-jedd.

Ghalhekk l-iskop ewlieni wara l-Art. 37 huwa dak li sakemm il-kwistjoni fil-mertu tkun giet mistharrga, m'ghandu jsir xejn minn xi parti biex jippregudika l-mertu u l-jeddijiet tal-kontendenti dwaru u li jzomm kull ghemil minnhom mahsub jew li jista' jwassal biex unilateralment jirrendi kull eventwali decizjoni tal-Qorti dwarha bla effett jew bla rimedju ghall-eventwali esekuzzjoni (Tufigno noe vs Mizzi noe – Appell Civili – 30 ta' Gunju 1997).

L-Art. 37 huwa disponibbli a favur ta' kull "persuna li tivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment", fejn il-Qorti ghandha allura diskrezzjoni konsiderevoli fil-materja. Pero' l-legislatur ried jillimita l-applikazzjoni tar-rimedju

ghall-kazijiet specifici mahsuba fl-istess artikolu. Ghalhekk mhux kull pretensjoni tista' timmerita l-hrug ta' ordni kif hemm imsemmi. U fil-paragrafu 10(a) ghadda biex ifisser ukoll x'ghandu wiehed jifhem b'dik il-frazi.

L-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa limitat biex tqis jekk ghandhiex tinqeda bis-setgha moghtija lilha skond l-Art. 37 sabiex taghti l-ordni mitluba. M'ghandha bl-ebda mod tidhol fil-mertu tal-kwistjoni li dwarha l-attur ikun ressaq il-pretensjonijiet tieghu quddiem tribunal iehor bi proceduri separati. Huwa biss fejn ikun jidher car li l-pretensjonijiet tal-attur ikunu manifestament minghajr bazi li l-Qorti tista' tqis it-talba ghall-hrug ta' ordni bhala manifestament vessatorja (Frendo vs Caruana – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 1 ta' Dicembru 1995). Ghalhekk dak li jholl u jorbot hu li l-Qorti ma tistax tiddeciedi l-mertu.

Wara li accennat ghall-konsiderazzjoni li l-principju tal-ekwita' ghandu jipprevali, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha fil-kawza Camilleri et vs Tufigno noe deciza fl-4 ta' Lulju 2003 qalet hekk-

"Irid jinghad ukoll pero' illi kontra dana kollu hemm l-interessi sew tal-proprjetarju tal-bastimenti, kif ukoll l-interessi nazzjonali tal-Istat Malti fiz-zamma tar-registru tal-bastimenti tieghu, liema registru llum jghodd mal-akbar li hawn fid-dinja. Konsiderazzjoni trid tinghata wkoll kemm ghall-interess ta' sid il-bastiment kif ukoll tal-interess nazzjonali fiz-zamma tar-registru tal-bastimenti. Hekk per ezempju ma jistax ikun illi proprjetarju ta' bastiment jigi rinfaccjat, jekk mhux addirittura rikattat, b'ordni li tipprojbixxi kull negozju fil-bastiment tieghu ghal kull nofs haga ta' xejn billi xi hadd jallega illi ghandu xi 'pretensjoni' remotament konnessa jew mal-bastiment jew inkella mal-proprjetarju tieghu. Hekk ukoll lanqas ma jkun fl-interess nazzjonali illi jsir hekk ghaliex li jibda jigri huwa li s-sidien tal-bastimenti jitilqu r-Registru Malti ghal kollox sabiex ifittxu registru iehor illi aktar jissalvagwarda l-interessi taghhom. Hemm bzonn ghalhekk li jinholoq bilanc u dan il-bilanc ghandu jigi applikat uniformement mill-Qrati."

Ikkunsidrat:

**<u>Art. 37(10) (a) (v) tal-Kap. 234: In partikolari</u>**

Sabiex tiskatta t-talba ghar-rimedju skond l-Art. 37, il-legislatur ried li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet tal-paragrafu (10) tal-istess artikolu. Peress li fil-kaz in esami, is-socjeta’ attrici qed tghid li qed tivvanta dritt f’bastiment jew dwaru jew parti minnu kif indikat fis-subparagrafu (a) trid tindirizza l-pretensjoni taghha lejn wahda jew aktar mill-hames subincizi.

Fir-rikors mahluf is-socjeta’ attrici ndikat is-subinciz (iv) jew (v) jew it-tnejn. Pero’ fit-trattazzjoni bil-miktub u bil-fomm, l-istess socjeta’ attrici llimitat ruhha ghas-subinciz (v). U din il-Qorti tghid li ma setax ikun mod iehor ghaliex ma ngiebet ebda prova jew cirkostanza li twassal ghas-subinciz (iv).

Is-subinciz (v) jghid hekk-
“*kull pretensjoni ohra li tnissel pretensjoni <u>in rem</u> kontra bastiment taht il-ligi Maltija*.”

Min-naha taghha, is-socjeta’ konvenuta tghid li l-pretensjoni attrici ma’ taqa’ taht l-ebda wahda mill-hames cirkostanzi mahsuba skond l-Art. 37 (10) (a) u ghalhekk ma timmeritax li tkun milqugha.

Ikkunsidrat-

Dak li jaghmel dan il-kaz differenti u forsi singolari meta mqabbel ma’ ohrajn huwa l-kwistjoni jekk ir-rimedju kontemplat bl-Art. 37 huwiex mahsub u ntiz sabiex jikkawtela kreditu mhux daqstant fir-rigward ta’ bastiment li kien il-fonti tal-kreditu izda kontra bastiment iehor appartenenti l-istess debitur izda bl-ebda mod ma kien il-fonti jew il-kawza tal-istess kreditu.

Min-naha wahda, is-socjeta’ attrici tghid li din il-Qorti ghandha s-setgha skond l-Art. 37 li taccetta t-talba taghha *nonostante* li l-bastiment *M.V. Amelia Cacace* ma wassalx ghall-kreditu pretiz, u min-naha l-ohra hemm is-socjeta’

konvenuta li tafferma li l-Art. 37 jipprekludi lil din il-Qorti milli taghti provvediment ta' dik ix-xorta li jolqot l-*M.V. Amelia Cacace* u tghid sahansitra li biex provvediment bhal dak jitwettaq hija mehtiega emenda ghall-istat tad-dritt illum.

**<u>Art. 742B(i) tal-Kap. 12</u>**

Dan l-Artikolu jelenka liema talbiet marittimi jaghtu lill-Qrati Civili f'Malta gurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti.  Fost id-diversi pretensjonijiet, hemm il-paragrafu (i) li jghid hekk-

'*kull pretensjoni li tinholoq minn xi ftehim li jirrigwarda l-garr ta' merkanzija abbord jew l-uzu jew il-kiri ta' vapur kemm permezz ta' charter party jew xort' ohra*."

**<u>Fatti mhux kontestati</u>**

Il-pretensjoni tas-socjeta' attrici kontra s-socjeta' konvenuta ma tirrigwardax direttament il-bastiment *M.V. Amelia Cacace* li huwa registrat taht il-bandiera Maltija u huwa proprjeta' tas-socjeta' konvenuta.  Ma kienx dan il-bastiment li wassal ghall-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici.

Il-pretensjoni tas-socjeta' attrici tirrigwarda *inter alia* kreditu kontra s-socjeta' konvenuta li twieled min-nolegg li hadet is-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici tal-bastiment *M.V. Kang Yu* li mhux registrat taht il-bandiera Maltija u lanqas huwa prezenti f'dawn il-gzejjer.

Il-kreditu tas-socjeta' attrici huwa mertu ta' proceduri ta' arbitragg f'Londra bejn il-partijiet li diga' sal-lum wassal ghal *lodo* parzjali u anke ghal pagament *in parte* mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:-

**<u>L-argumenti tas-socjeta' attrici</u>**

L-argumenti tas-socjeta' attrici <u>favur</u> l-applikazzjoni tar-rimedju skond Art. 37 ghall-fattispeci tal-kaz kienu <u>fil-qosor</u> dawn-

(1) It-talba attrici tikkostitwixxi dritt fi jew fuq bastiment skond l-Art. 37 (10) (a) (v) tal-Kap. 234 billi l-pretensjoni taghha tinkwadra ruhha fil-parametri tal-Art. 742B(i) u 742D tal-Kap. 12.

(2) Skond is-socjeta' attrici d-domanda li trid issir hija din: li kieku minflok rimedju skond Art. 37, is-socjeta' attrici kellha l-opportunita' li tavvanza pretensjoni *in rem* fil-konfront tal-bastiment m.v. Amelia Cacace, bil-bastiment prezenti f'Malta, is-socjeta' attrici kien ikollha pretensjoni azzjonibbli bhala azzjoni *in rem*? Ir-risposta kienet tkun "iva" ghar-ragunijiet segwenti:-

(a) Art. 742B tal-Kap. 12 jipprovdi *inter alia* illi l-Qrati Civili f'Malta ghandhom gurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi hemm elenkati fosthom dak provdut fis-sub inciz (i) li jitratta dwar: *"kull pretensjoni li tinholoq minn xi ftehim li jirrigwarda l-garr ta' merkanzija abbord jew l-uzu jew il-kiri ta' vapur, kemm permezz ta' charter party jew xort' ohra*." Dan l-Artikolu kif redatt irid jafferma f'liema kazijiet il-Qorti ghandha s-setgha li tezercita l-gurisdizzjoni *in rem* 'kontra vapuri jew bastimenti' (fil-plural) u mhux ghalhekk kontra vapur jew bastiment wiehed *ossia* u limitatament kontra dak il-vapur jew bastiment li ta lok ghall-pretensjoni marittima in kwistjoni.

(b) Dak li ried il-legislatur jirrizulta car minn dak li jipprovdi l-Art. 742D tal-Kap. 12:-
"Hlief ghal dawk il-kazijiet li jigbdu privilegg specjali skond l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li skond l-Artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqghu jsehhu l-bejgh volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgh, fil-kazijiet imsemmijin fl-Artikolu 742(d) sa (y), azzjoni *in rem* tista' ssir fil-Qrati Civili ta' Malta kontra-
(i) dak il-vapur jew bastiment fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni ghal azzjoni *in personam* (il-persuna rilevanti) kienet meta nholqot il-kawza ghall-

azzjoni, sid jew noleggjatur ta', jew kellha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, il-vapur jew il-bastiment, jekk sa zmien meta tingieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew benifaccjarju ta' dak il-vapur jew in-noleggjatur taht *bareboat charter* ta' dak il-vapur;
(ii) kull bastiment iehor li tieghu, fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid beneficcjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment." (sottolinear ta' din il-Qorti).

(c) Il-ligi tikkontempla azzjoni *in rem* fil-konfront tal-bastiment li minnu twieldet il-pretensjoni marittima *ossia in rem*, f'liema kaz ghandhom jigu sodisfatti r-rekwisiti tal-Artikolu 742D(a), kif ukoll u alternattivament azzjoni *in rem* fil-konfront ta' kull bastiment iehor li fiz-zmien meta tigi avvanzata l-azzjoni, ikun proprjeta' tal-persuna *ossia* s-sid li tkun responsabbli ghal azzjoni *in personam* u diment ukoll illi s-sid ta' dan il-bastiment alternattiv jikkwalifika bhala l-"persuna rilevanti" u *cioe'* li kien sid jew noleggjatur ta' dak il-vapur l-iehor meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni u li tali sid jew noleggjatur huwa responsabbli *in personam*.

(d) Applikati ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz odjern, il-pretensjonijiet attrici jinkwadraw ruhhom perfettament mal-Artikolu 742D(b) ghaliex:-
(i) Il-pretensjonijiet attrici titnissel in konnessjoni ma' *sub charter party* li kien jirrigwarda l-bastiment 'Kang Yu' u ghalhekk hija pretensjoni kif kontemplat fl-Artikolu 742B (i);
(ii) Is-socjeta' konvenuta hija noleggjatur tal-bastiment m.v. Kang Yu u ghalhekk tikkwalifika bhala l-"persuna rilevanti" kif kontemplat fl-Artikolu 742D (a) u (b);
(iii) Is-socjeta' konvenuta hija sid il-bastiment registrat Malta, m.v. Amelia Cacace u kwindi s-socjeta' konvenuta bhala sid dan il-bastiment tikkwalifika bhal dik "il-persuna rilevanti" li potenzjalment hija responsabbli *in personam* ghall-pretensjonijiet attrici, liema pretensjonijiet kjarament jaghtu lok u jissodisfaw pjenament ir-rekwiziti kollha ghall-ezercizzju ta' azzjoni *in rem* skond il-ligi Maltija.

(e) Il-ligi taghna bis-sahha tal-emendi li gew *in vigore* f'Ottubru 2006 issa tirrispekkja l-ligi Ingliza vigenti u fi kliem Nigel Meeson (Admiralty Jurisdiction and Practice):-

*"Certain claims may be brought not only against the ship in connection with which the claim arises (referred to below as 'ship A') but also against other ships (referred to as 'ship B') commonly referred to as 'sister ships', if the following conditions are satisfied:-*
*i. The claim must have arisen in connection with a ship ('ship A'); and*
*ii. The person who would be liable on the claim in an action in personam must have been the owner of the charterer or in possession or control of 'ship A' when the cause of action arose; and*
*iii. At the time the action is brought i.e. when the writ is issued, the person who would be liable on the claim in an action in personam must be the beneficial owner of all the shares in the ship against which the action is brought ('ship B')."*

(f) L-argument tas-socjeta' konvenuta fis-sens li f'rimedju kontemplat fl-Artikolu 37 huwa limitat biss ghal dak il-vapur li fuqu s-socjeta' attrici ghandha pretensjoni jew dritt kontra tieghu u mhux bastiment iehor m'huwiex legalment korrett u jekk xejn kontradett mill-ligi stess aplikabbli ghall-kaz. Ir-raguni hi li fejn fl-Artikolu 37 (10) (a)(v) il-ligi tipprospetta hrug ta' ordni inibitorja fil-konfront ta' bastiment fil-kuntest ta' '*kull pretensjoni ohra li tnissel pretensjoni in rem kontra bastiment taht il-ligi Maltija*', il-ligi qieghda ta' bilfors tikkontempla kawtela bazata fuq ir-rekwiziti legali li jwasslu ghall-ezercizzju ta' azzjoni *in rem*, azzjoni li llum il-gurnata bl-emendi li saru tista' ssir kemm fil-konfront tal-bastiment direttament involut fil-pretensjoni marittima in kwistjoni kif ukoll fil-konfront ta' bastiment iehor basta dan il-bastiment ikun proprjeta' tal-prezunt debitur fil-mument li ssir l-azzjoni *in rem*.

(g) Ma tghidx tajjeb is-socjeta' konvenuta li ghall-finijiet tar-rimedju kontemplat fl-Artikolu 37, wiehed irid ihares lejn dik il-lista ta' *maritime claims* kontenuta fl-Artikolu 742B. Dan ghaliex pretensjoni *in rem* ma tistax tezisti

f'*vacuum* izda fil-kuntest ta' bastiment jew iehor kif kontemplat fl-Artikolu 742D (a) jew (b). Dan apparti li lista ta' *maritime claims* kontenuta fl-Artikolu 742B mhix limitata ghal bastiment wiehed li minnu titnissel il-pretensjoni marittima in kwistjoni.

(h) Li kieku l-bastiment m.v. Amelia Cacace kellu jkun prezenti fil-gurisdizzjoni Maltija, l-Qrati Civili ta' Malta kien ikollhom gurisdizzjoni *in rem* fil-konfront tal-istess *nonostante* l-fatt illi l-pretensjoni marittima ma kellha x'taqsam xejn mieghu, daqstant iehor il-Qrati Civili ta' Malta jkollhom is-setgha li jipprovdu rimedju skond Artikolu 37, aktar u aktar meta l-ligi hija bl-aktar mod car taghmel ness u riferenza shiha ghar-rekwiziti li jaghtu lok ghal pretensjoni *in rem* biex bl-istess mod dawn ir-rekwiziti jservu ukoll sabiex jinghata r-rimedju. L-imsemmi rimedju ghalhekk *una volta* l-ligi Maltija taghti rimedju <u>sostantiv</u> ghall-azzjoni fil-mertu kontra l-bastiment m.v. Amelia Cacace, huwa naturali li l-istess Qrati ghandhom ikollhom is-setgha li jikkawtelaw l-istess pretensjoni li tista' tigi dedotta f'mertu ta' azzjoni *in rem*.

## <u>L-argumenti tas-socjeta' konvenuta</u>

L-argumenti tas-socjeta' konvenuta <u>kontra</u> l-applikazzjoni tar-rimedju skond Art. 37 kienu <u>fil-qosor</u> dawn:-

1) l-Art. 37 jiprovdi li l-Qorti tista tipprojbixxi l-bejgh u negozju tal-bastiment li dwaru ikollha *claim* is-socjeta rikorrenti pero' ma jippermettix li ssir talba sabiex ma jinbighx bastiment "X" meta l-pretenzjoni tirrigwarda bastiment "Y".

2) Ghalkemm il-pretensjoni originali tas-socjeta' attrici kienet tirrigwarda *charterparty* li hija koperta b'artikolu 742 B (i) tal-Kap. 12, dik il-pretenzjoni ma tirrigwardax l-***Amelia Cacace*** u ghalhekk ma tapplikax.

3) Qabel ma gew fis-sehh l-emendi tal-1995, artikolu 37 tal-Merchant Shipping Act kien jghid hekk:

" ***The Commercial Court, may if it thinks fit (and without prejudice to the exercise of any other power of the court) on a demand by writ of summons of any interested person make an order prohibiting for a time specified any dealing with a ship or any share therein, and the court may make the order on any terms and conditions it thinks just, including, without prejudice to the generality of the above, the imposition of an obligation to provide appropriate security."***

Ghalhekk kull persuna li kella *"**Interess**"* dwar il-bastiment in kwistjoni setghet titlob il-Qorti sabiex tipprojbixxi t-trasferiment. L-unika haga li kienet titlob il-Qorti kien li *Prima Facie,* is-socjeta' attrici kellha turi tali **"*Interess!*"** Izda ma kien hemm ebda parametru iehor.

4) Precizament ghaliex kien hemm min kien qed jabbuza mil-fatt li ma kienx hemm parametri definiti ta' x'kellu jkun dan "**l-*interess***" fil-bastiment li dwaru kienet qed tintalab l-ordni, l-legislatur iddecieda li dan l-"***interess"*** ikun definit b'xi mod strutturat. Ilum l-Art. 37 jghid hekk:

*"(1) The Civil Court, First Hall, may, if it thinks fit, and without prejudice to the exercise of any other power of the court) on a demand by a sworn application of a person* ***claiming a right in or over a ship,*** *make an order prohibiting for a specified time, which shall in no case be of more than a year,* ***any dealing with a ship*** *or share therein, and the court may make the order on any terms and conditions it thinks just...."*

5) L-Art. 37 kif emendat huwa kjarament fis-sens li l-ordni li taghti l-Qorti trid bilfors tirrelata ghal dak l-istess bastiment li dwaru ghandu *claim* ir-rikorrent u mhux xi bastiment iehor. L-istess jghodd ghat-tifsira korretta li trid tinghata lill-Art. 37 (10).

6) Fil-kas odjern, il-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda ammont ta' flus allegatament dovuta mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici rigward ic-*charter* tal-

bastiment ***Kang Yu***. Huwa minnu li vertenzi dwar *charterparties* huma koperti b'artikolu 742 (B) (i), li jghid:

*" Save as otherwise expressly provided by law, the civil courts of Malta shall have jurisdiction in rem against ships or vessels in the following <u>maritime claims</u>…..*

*(i) any claim arising out of any agreement relating to the carriage of goods in a ship or to the use or hire of a ship whether by charterparty or otherwise."*

Dak l-artikolu kien introdott f'Awissu 2006. Qabel wiehed kellu jirikorri ghal-lista ta' *claims* fil-Admiralty Court Acts tal-1840 u l-1861 sabiex jara jekk il-claim kienetx wahda li ghaliha kien qed jirreferi Artikolu 37 meta jghid: "(v) ***<u>any other claim which gives rise to a claim</u>*** *in rem against a vessel under Maltese Law*".

7) Izda jibqa' l-fatt li l-bastiment li dwaru s-socjeta' attrici ghandha *a right in or over* huwa l-***Kang Yu.*** Ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax tuza dan l-artikolu u titlob lil Qorti tordna projbizzjoni fuq il-***Amelia Cacace***, meta l-"***claim***" kienet tirrigward bastiment ***Kang Yu*** li tieghu s-socjeta konvenuta kienet *sub-sub charterer*. L-intendiment tal-ligi huwa car fis-sens li f'kaz ta' persuna "***<u>claiming a right in or over a ship",</u>*** il-Qorti tista ***" make an order prohibiting…<u>any dealing with a ship</u>***" u *cioe'* dak l-istess bastiment li fuqu s-socjeta' attrici ghandha *claim* jew *right* – mhux xi bastiment iehor!

8) Artikolu 37 ma jaghti l-ebda persuna d-dritt li titlob ghall-projbizzjoni ta' trasferiment ta' bastiment meta l-bastiment in kwistjoni ma jkunx l-istess bastiment li dwaru inqalet il-"***claim***". Sabiex il-Qorti Maltija tkun tista' tohrog ordni kontemplata minn Artikolu 37 fuq bastiment partikolari f'cirkostanzi fejn il-*claim* jew "right in or over a ship" ikun bastiment differenti ghal dak li hu suggett tal-ordni, Artikolu 37 stess irid jigi emendat bl-introduzzjoni ta' kliem bhalma gew introdotti permezz ta' artikolu 742 (D) fil- Kap 12 *tramite* Att XIV tal-2006. F'dak il-kaz irid ikun hemm x'imkien f'Artikolu 37 kliem bhal "*may make an order prohibiting …* ***any dealing with a ship or share***

***therein or with any other vessel of which at the time when the action is brought the relevant person is the owner or beneficial owner as respects all shares in it."*** Sa issa ma hemmx dan it-tip ta' kliem u sakemm ikun hemm din it-tip ta' emenda, irridu nkomplu nosservaw il-ligi kif tezisti bhal issa u *cioe'* il-persuna koncernata li trid tintavola talba taht l-Artikolu 37 trid tkun "***claiming a right in or over a ship"*** u l-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba biss kif stipulata f'Artikolu 37 u *cioe'* **"*make an order prohibiting … any dealing with a ship or share therein"*** – l-istess bastiment registrat f'Malta.

9) L-artikolu 742 (D) tal-Kap 12 jippermetti li jekk persuna ghandha "*claim*" li tikkwalifika bhala "*maritime claim"* skond Artikolu 742(B) tista' tigi ntavolata kawza ***in rem*** kontra jew dak l-istess bastiment li dwaru nqalat il-"*claim*", jew kontra xi bastiment iehor li huwa l-proprjeta' ta' dik l-istess persuna li kienet tkun responsabbli ghal dak mitlub kieku giet intavolata kawsa in personam. Din tissejjah "***is-sister ship concept***" fil-kuntest ta' azzjonijiet ***in rem*** kontra bastimenti u fil-kuntest ta' arrest ta' bastimenti. Izda Art. 37 huwa rimedju partikolari tal-Kap. 12 u ma jghid imkien li wiehed jista' juza r-rimedju kontenut f'Artikolu 37, ghal ***sister ship,*** bhal ma jaghmel artikolu 742 (D) ta' Kap 12 fil kuntest ta' *actio* ***in rem*** kontra bastiment jew fil-kuntest ta' arrest ta' bastiment.

10) Meta Art. 37 (10) ighid fis-subinciz (v):- *"any other claim which gives rise to a claim in rem against a vessel under Maltese Law", dak* ifisser biss li wiehed irid ihares lejn il-lista ta' "*maritime claims*" fis-742(B) sabiex jara jekk il-*claim* hix wahda minnhom. Zgur ma jfissirx li dan qed jaghti d-dritt ta' *sister ship injunction* bhalma hemm id-dritt ta' *actio in rem* kontra *sistership* kif tohrog minn Artikolu 742(D).

11) Sabiex il-ligi taht artikolu 37 taghti tali dritt ta' "*sister ship injunction*" trid tigi esplicitament imnizzla fil-ligi u sakemm issir emenda f'Artikolu 37 f'dan is-sens il-Qorti ma ghandha ebda setgha taghmel dak li qed jigi mitlub minnha. Jekk persuna tithalla tuza l-Artikolu 37 sabiex teffettwa "*sister ship injunction*" dik l-istess Qorti fl-ghotja

tad-digriet rispettiv tkun qed tagixxi *oltre* l-poteri moghtija lilha mill-ligi.

12) Mhux argument accettabbli li jekk wiehed jista' jintavola ***actio in rem*** kontra *sister ship*, kif provdut f'Artikolu 742(D) wiehed jista jeffettwa "*sister ship injunction*" taht Artikolu 37 tal-*Merchant Shipping Act*. ***Actio in rem*** hija kawsa *in rem* kontra bastiment li jrid ikun presenti f'Malta liema azzjoni trid tissodisfa zewg kriterji permezz ta' Artikolu 742(B) u 742(D). L-ewwel wiehed irid jassigura li t-talba hija "*maritime claim*" *ai termini* ta' Artikolu 742(B) sabiex jistabbilixxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, u mbaghad l-attur irid jissodisfa l-kriterji kontenuti f'Artikolu 742(D) sabiex jintavola *action in rem*. Mentri Artikolu 37 huwa ordni dwar bastiment li dwaru s-socjeta' attrici ghandha *claim*. *Oltre* dan Artikolu 37(10) jghid biss: ***" a right in or over a ship shall be a claim based on any other claim which gives rise to a claim in rem against a vessel under Maltese law,"*** u *cioe'* Artikolu 742 (B). Artikolu 37 (10) ma jghidx li "***a right in or over a ship shall be a claim based on any other claim which gives rise to a claim in rem against a vessel under Maltese Law AND allows the claimant to issue an injunction on another vessel in the ownership of the defendant!"*** jew kliem simili.

Art. 37 ma jippermettix li l-Qorti tordna l-projbizzjoni ta' bejgh ta' bastiment registrat Malta meta l-pretenzjoni tas-socjeta rikorrenti ma tirrigwardax dak l-istess bastiment.

Ikkunsidrat:

Ghalkemm kienu l-emendi ghall-Kap.234 introdotti bl-Att XXIV tal-1995 li kkwalifikaw ahjar il-persuna li tista' tirrikorri ghar-rimedju skond Art.37 u *cioe'* minn "persuna interessata" ghal "persuna li tiivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment", kienu mbaghad l-emendi ntrodotti bl-Att XXII tal-2000 li sawwru l-istess Art. 37 fil-forma u bid-disposizzjonijiet kollha li huwa llum ghaliex bis-sahha ta' dak l-Att l-artikolu ta' qabel kien kollu kemm hu sostitwit b'dak tal-lum. Dan kollu huwa rilevanti ghaliex ghall-fini

tal-kompitu li ghandha din il-Qorti llum ftit ghandu rilevanza x'kienet il-posizzjoni legali qabel l-emendi li poggew Art. 37 kif inhu llum, u t-tifsira li trid tinghata llum hija tal-artikolu mehud fl-intier tieghu fl-isfond ta' riferenza ghal artikoli ohra tal-ligi li bilfors ghandhom piz fl-interpretazzjoni tal-istess artikolu.

Bhala punt ta' principju, l-interpretazzjoni tal-ligi hi, kwazi dejjem, kompitu difficli. Is-soluzzjoni li ghandha tigi ricerkata timporta li jkun determinat minn fost interpretazzjonijiet diversi dik it-tifsira l-aktar sinjifikattiva u attinenti ghall-presumibbli volonta' tal-legislatur u forsi hafna drabi ghall-buon sens. (**The General Soft Drinks Company Limited vs Korporazzjoni Enemalta** – Qorti tal-Appell Inferjuri – 17 ta' April 2009).

Dan huwa proprju dak li se taghmel din il-Qorti rinfaccjata kif inhi b'argumenti ta' dritt li ressqu l-partijiet a favur u kontra l-applikazzjoni tal-Art. 37 ghall-*fattispece* tal-kaz. Kontra dak li ghamlu l-partijiet kemm fin-noti taghhom kif ukoll fit-trattazzjoni bil-fomm (li tinsab traskritta), din il-Qorti se tirreferi u toqghod fuq it-test Malt ital-Kap. 234 mhux fuq it-test Ingliz, mhux biss ghaliex f'kaz ta' konflitt, ighodd it-test Malti, izda ghaliex huwa guridikament korrett li jsir hekk.

Kif diga' nghad, skond Art. 37(1) it-talba tista' sir minn "xi persuna li tivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment". Isolat wahdu, dan il-kliem tal-ligi huwa generiku mhux specifiku. Apparti normi ohra li jirrizultaw mid-diversi subartikoli tal-istess Art. 37 u li m'humiex mertu ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet, sub-paragrafu ta' sub-artikolu li ghandu importanza vitali ghall-fini ta' din il-kawza huwa s-sub-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (10) kompost minn hames (5) subincizi fejn il-legislatur ried ikun specifiku u jfisser min preciz huwa l-"persuna li tivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment". L-elenku huwa esawrjenti u ma jhallix f'idejn il-gudikant diskrezzjoni miftuha sabiex jistabilixxi hu min jikkwalifika. Proprju bil-maqlub tal-istat ta' dritt kif kien qabel l-emendi meta l-ligi kienet taghti dritt lil "kull persuna interessata" bla definizzjoni, sitwazzjoni li ma kenitx felici, ghaliex setghet taghti lok ghal sitwazzjoni fejn kull min

kien jallega li kellu xi interess seta' jitlob kenn, anke jekk mhux misthoqq, mill-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna f'materji sensittivi bhal dawk marittimi fejn hemm interess finanzjarji u ekonomici notevoli.

Issa skont Art. 37 (10)(a)(v) tikkwalifika bhala "dritt f'bastiment jew dwaru jew parti minnu" – kull pretensjoni ohra li tnissel pretensjoni *in rem* kontra bastiment that il-ligi Maltija." Hekk qal il-legislatur u f'dak il-kuntest huma obbligati jagixxu l-Qrati taghna fil-mansjoni interpretattiva taghhom. Ghalhekk l-analizi li trid taghmel din il-Qorti hija jekk il-pretensjoni li qed tavvanza s-socjeta' attrici sabiex titlob harsien bir-rimedju kontemplat bl-Art. 37 tnissilx pretensjoni *in rem* kontra bastiment skond il-ligi nostrali jew le.

Dak li skond il-ligi taghna kien ighodd bhala *pretensjoni in rem* inbidel wara riforma fil-ligi taghna. Minn *The Admiralty Courts Acts* tal-1840 u 1861, il-ligi mxiet ghall-Art. 742B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li kien introdott bis-sahha tal-Att XIV tal-2006. B'dan l-artikolu, il-ligi taghna saret konformi mal-konvenzjonijiet internazzjonali u qrib il-Ligi Ingliza u *cioe'* s-*Supreme Court Act 1981*.

*Una volta* l-legislatur dahhal is-subinciz (v) fit-test attwali u ghamlu parti integrali tal-Art. 37, huwa ried li dak li l-ligi trid li japplika fil-kaz ta' pretensjonijiet *in rem* fl-ambitu tal-ligi generali jkun applikabbli wkoll ghall-Art. 37.

Fejn *si tratta* ta' pretensjonijiet *in rem* kontra bastiment taht il-ligi Maltija, Art. 742B tal-Kap. 12 jaghti elenku shih ta' talbiet marittimi (*maritime claims*) fejn il-Qrati Civili f'Malta ghandhom gurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti. Fost dawn it-talbiet marittimi hemm dik indikata fis-subinciz (i) – "kull pretensjoni li tinholoq minn xi ftehim li jirrigwarda l-garr ta' merkanzija abbord jew l-uzu jew il-kiri permezz ta' *charter party* jew xort'ohra." Fil-kaz in esami jirrizulta li l-hlas pretiz mis-socjeta' attrici jikkwalifika bhala tali taht din id-disposizzjoni tal-ligi. Pero' s-socjeta' konvenuta qed tghid li l-applikazzjoni ta' dik id-disposizzjoni bhala azzjoni *in rem* hija veljanti biss fil-konfront tal-vapur li skaturixxa l-pretensjoni (u *cioe'* l-*Kang*

*Yu*) mhux l-*Amelia Cacace* li qatt ma kien involut fil-vertenza. U ghalhekk l-Art. 37 ma jistax jintuza sabiex jintlaqat dak il-bastiment. Li jirrizulta *prima facie* huwa li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli versu s-socjeta' attrici ghall-hlas tal-kiri bl-uzu li sar mill-vapur *Kang Yu* liema socjeta' konvenuta kienet ukoll is-sid tal-*Amelia Cacace*. Hemm ghalhekk <u>ness</u> bejn min ghandu jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjoni kontrattata u l-assi tieghu li fuqhom tista' tigi ezegwita dik l-obbligazzjoni. Is-socjeta' konvenuta hija responsabbli *in personam* u s-socjeta' attrici timmerita harsien anke *in via* kawtelatorja.

Din il-Qorti tghid li l-interpretazzjoni limitattiva jew restrittiva tal-Art. 37 avvanzata mis-socjeta' konvenuta fis-sens li r-rimedju hemm kontemplat huwa ntiz biex jolqot biss u esklussivament dak il-bastiment li wassal ghall-pretensjoni attrici ma tirrizultax mit-test tal-istess Art. 37 mehud fl-assjem tieghu.

Waqt it-trattazzjoni, saret riferenza ghall-kwistjoni tas-*sister ship arrest* li llum saret possibbli fil-ligi taghna (meta qabel ma kenitx) wara l-emendi tal-2006. Anke r-riferenza ghas-*sister ship* ghandha rilevanza ghall-vertenza *de qua*.

L-<u>Art. 742D tal-Kap. 12</u> kien introdott bl-Att XIV tal-2006, u jaghmel riferenza ghas-subincizi (d) sa (y) tal-Art. 742B [inkluz <u>allura</u> s-subinciz (i)] u jghid li azzjoni *in rem* tista' ssir fil-Qrati Civili ta' Malta anke kontra "(b) kull bastiment <u>iehor</u> li tieghu, fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti (u *cioe'* l-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni ghal azzjoni *in personam*) tkun is-sid jew is-sid beneficcjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."

Huwa f'dan il-kuntest li tidhol il-kwistjoni tas-*sister ship* li llum saret parti mil-ligi taghna. Illum jista' jsir *sister ship arrest* li qabel ma kienx possibbli. Allura d-domanda tqum anke fil-kuntest tas-subinciz (i) – jekk illum jista' jsir arrest fuq *sister ship* ghaliex ma jistax jigi estiz jew applikat il-principju tas-*sister ship* skond Art. 742D (b) ghall-Art. 37? <u>Ma hemm xejn fit-test tal-Art. 37 li jaghmlu specjali mqabbel mal-ligi generali u allura fejn jisthoqq li jigi applikat il-principju – *lex specialis derogat generalis*.</u>

<u>Aktar u aktar meta jirrizulta ness bejn id-debitur u dak is-*sister ship*.</u>

Din il-Qorti hija tal-fehma li dak li jirrizulta mill-Art. 37 <u>fl-assjem tieghu</u> ma jistax jigi distakkat mid-disposizzjonijiet l-ohra tal-Kap. 12 li ghalihom diga' saret riferenza. Ir-riferenza ghall-azzjoni *in rem* saret fl-Art. 37 stess u galadarba dik l-azzjoni hija regolata mill-Kap. 12 mhux mill-Kap. 234, dak li japplika ghall-azzjoni *in rem* jaghmel stat fen jirrigwarda l-Art. 37.

Ir-rimedju skond l-Art. 37 huwa ntiz illum bhala alternattiva ghall-arrest ghaliex huwa wisq ovvju li kieku l-*Amelia Cacace* kien presenti fl-ibhra territorjali ta' dawn il-Gzejjer kien jaqa' taht il-gurisdizzjoni taghhom u allura s-socjeta' attrici kienet tirrikorri ghall-arrest. *Una volta* dak il-bastiment mhux presenti fl-ibhra ta' dawn il-Gzejjer, is-socjeta' attrici fittxet il-kenn tal-Art. 37 sabiex taccerta ruhha li fil-kaz li l-azzjoni *in personam* minnha ntrapresa tkun tista' tissarraf kontra assi u *cioe'* l-Amelia Cacace li huwa proprjeta' tal-istess debitur *in personam*. Din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' attrici dan tista' taghmlu.

L-iskop tal-ligi huwa wiehed essenzjalment ta' natura kawtelatorja u dment li huma sodisfatti fl-intier taghhom il-kwalitajiet li qed jipprefigi l-Art. 37 ir-rimedju ghandu jkun applikat ghall-kaz in esami. Ghalhekk din il-Qorti tghid ukoll li kif inhu llum l-Art. 37 ma jehtieg ebda emenda fit-test tieghu sabiex tirrendih applikabbli ghall-*fattispece* tal-kaz in esami.

Dwar il-kwistjoni jekk fl-Art. 742B tal-Kap. 12 intuzax apposta l-plural b'riferenza ghal vapuri jew bastimenti u allura fetahx ghal *sister ships*, difficli tghid. Jibqa' l-fatt pero' li l-Art. 742B, C u D kienu ntrodotti <u>flimkien</u> bl-Att XIV tal-2006 u <u>probabilment</u> li hekk hu ghalkemm <u>mhux necessarjament</u> hekk. L-enfasi trid tibqa' ssir fuq l-integrazzjoni ta' materji relatati mal-azzjoni *in rem* fl-ambitu ta' l-Art. 37, materja li kienet biss sforjata marginalment mill-partijiet.
L-effett tal-Art. 742B tal-Kap. 12 huwa dak tal-gurisdizzjoni fil-konfront ta' pluralita' ta' bastimenti basta taht il-

parametri tal-ligi kontra dak li kien jigri fl-Atti tal-Ammiraljat fejn il-konnessjoni riedet tkun bilfors mal-bastiment li minnu origina l-kreditu.  Ghalhekk il-kuntrast bejn il-ligi ta' qabel u l-ligi applikabbli llum huwa car.  L-intenzjoni tal-legislatur kienet li jiftah il-possibilita' kif anka riflessa cara fl-Artikolu 742D ta' azzjoni *in rem* fil-konfront ta' vapur li mhux necessarjament kien involut fit-twelid tal-kreditu.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jitqies l-Art. 742C ukoll mizjud bl-Att XIV tal-2006 li ighid car li fil-kazi (a) sa (c) tal-Art. 742B l-azzjoni *in rem* tista' ssir fil-Qrati Civili ta' Malta kontra l-vapur li dwaru titqajjem il-pretensjoni il-pretensjoni jew kwistjoni. Ghar-raguni li minn (a) sa (c) huma kwistjonijiet dwar titolu, proprjeta', materja ta' interess ghall-komproprjetarju u materji ohra bhal *mortgages* fuq il-vapur.  Pero' fil-kazi l-ohra nkluz (i) ma hemmx din il-prekluzjoni u allura l-azzjoni tista' ssir kontra vapur iehor li japparteni lis-sid li minnu tidderivi l-obbligazzjoni u li tkun wasslet ghall-pretensjoni, u l-azzjoni tinkludi talba skond l-Art. 37.

Skond is-socjeta' konvenuta, mhux bizzejjed li wiehed jara hemmx *maritime claim* ghall-fini tal-Art. 742D izda l-kreditur irid jara jekk ghandux dritt ta' azzjoni kontra dak il-vapur.  Din il-Qorti tghid li mhux il-kaz ghax il-mod kif kienu mahsuba d-diversi artikoli flimkien imur kontra t-tesi tas-socjeta' konvenuta.  Is-socjeta' konvenuta tasal biex tghid li talba kif saret mis-socjeta' attrici taht Art. 37 hija projbita u biex issir irid ikun hemm emenda fil-ligi.  Din il-Qorti tghid li dan mhux kaz fejn "*il difetto di provvedimento nella legge non puo' essere supplito dal ministero del tribunale*" (Sacerdote Don Filippo Camilleri vs Filippo Camilleri noe – Prim'Awla 9 ta' Marzu 1881 Dr. Filippo Pullicino).  Izda dan kaz fejn l-interpretazzjoni tal-Art. 37 ma tistax tkun izolata wahedha izda necessarjament trid issir referenza ghall-Art. 742 (B) (C) u (D) *una volta* l-istess Art. 37 ighid dak li ighid fl-10 (v).

Skond is-socjeta' konvenuta l-Art. 37 jitlaq mill-premessa illi l-kreditu jrid jolqot dak il-vapur partikolari li skatta l-*maritime claim*.  Din il-Qorti ma tarax fl-Art. 37 fl-assjem tieghu l-limitazzjoni li qed tara s-socjeta' konvenuta,

ghaliex din il-Qorti ma tarax l-Art. 37 bhala rimedju distint u separat kif qed tarah is-socjeta’ konvenuta ghar-ragunijiet diga’ rilevanti.

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:-

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta’ konvenuta.**

**Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tordna li ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum ma jsir l-ebda negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment MV Amelia Cacace numru tal-IMO 9472713 u fir-rigward ta’ kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati “*mortgages*” fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda “*deletion certificate*” fir-rigward tal-istess bastiment.**

**Tilqa’ t-tieni talba u tordna minnufih in-notifika ta’ dan l-ordni a kura tas-socjeta’ attrici lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin.**

**Tordna li *in vista* tan-novita’ tal-kaz u tal-principji legali li kienu dibattuti f’din il-kawza, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------